**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 8 ta' Ottubru 2019

Rikors Numru: 211/19 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet żżewwġu nhar it-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa (2005), fil-Knisja ta' San Ġiljan, San Ġiljan skond iċ-ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat id-disgħa u għoxrin (29) t' Awwissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) hawn anness u mmarkat bħala Dok. B,

liema kuntratt ġie ppublikat wara li l-istess partijiet ġew debitament awtorizzati sabiex jidhru fuq l-istess att permezz tad-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Familja fit-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007);

3. Illi ma hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet stante li l-intimata ddekadiet minn kull jedd li titlob u/jew li tirċievi manteniment mingħand ir-rikorrenti stante l-ħlas ta' lump sum payment fl-ammont ta; tletin elf mitejn tnejn u tmenin Ewro (€30, 282) illi sar mal-bejgħ tad-dar matrimonjali;
4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn ħames snin mifrudin, huma llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u l-partijiet ilhom addirittura sa minn sitt (6) xhur qabel is-separazzjoni, jgħixu ġewwa residenzi separati.
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq msemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2019;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx għal dawn il-proċeduri u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ssodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mid-29 ta' Awwissu, 2007;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u li ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;